MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI
# (INFERJURI)
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 372/1999/2

**Commonwealth Educational Society Limited**

**vs**

**Adriana Camilleri**

**Il-Qorti,**

Il-Qorti ser tillimita ruhha f'dan l-istadju biex tinvesti l-eccezzjoni tad-dezerzjoni mqanqla mir-ritrattata fin-Nota tal-osservazzjonijiet taghha. Dan fis-sens illi s-socjeta' ritrattanda naqset li tipprovdi flimkien mar-rikors il-garanzija ghall-ispejjez tar-ritrattazzjoni kif hekk jinsab stabbilit fl-Artikolu 815 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Fil-fehma tal-Qorti l-kliem “flimkien mar-rikors” huwa infelici in vista ta’ l-emendi apportati bl-Att XXIV ta’ l-1995 ghall-Artikolu 249, u li ghalih l-Artikolu 815 surreferit jaghmel espressa referenza. Jaghmlu sens mat-test ta’ l-Artikolu 249 kif kien qabel dawn l-emendi in kwantu dan kien jistabilixxi li ebda petizzjoni ta’ l-appell – u dan japplika wkoll ghar-rikors ta’ ritrattazzjoni – ma ghandha tigi ricevuta jekk mhiex akkumpanjata b’malleverija jew garanzija ghall-ispejjez. (“**<u>Paola Buhagiar –vs- Alfred Gruppetta”</u>**, Appell Civili, 16 ta’ Jannar 1984).

Fl-istess zmien kien japplika wkoll l-Artikolu 209 qabel ma l-istess gie emendat bl-imsemmija ligi ta’ l-1995 li kien jipprovdi li meta kawza tissejjah u jinstab li ma tkunx inghatat malleverija skond il-ligi, l-Qorti tghaddi biex tiddikjara l-appell abbandunat ammenoche’ l-appellant, fiz-zmien qasir, li l-Qorti setghet jidhrilha xieraq li tiffissa, ma jiddepozitax mar-Registratur somma sufficcjenti biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez, u b’dan ukoll li l-istess perijodu ma setghax jigi prorogat. Anke dan l-Artikolu japplika ghall-kazijiet ta’ ritrattazzjoni, u dan b’applikazzjoni ta’ l-Art 249 tal-Kap 12.

Il-qaghda illum, bl-emendi ntrodotti, hi differenti. L-Artikolu 249 (2) jipprovdi illi l-garanzija ghandha tkun fis-somma stabbilita mir-Registratur u ghandha issir jew billi jigu depozitati flus likwidi jew billi tinhareg garanzija bankarja. Id-depozitu ta’ din il-garanzija ghall-ispejjez irid isir sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstema’ l-appell (subinciz 1 ghall-Art 249).

Gie osservat illi “*l-garanzija in kawtela ta’ l-ispejjez ta’ l-appell* (u dan ighodd ukoll ghall-procedura tar-ritrattazzjoni) *tifforma parti integrali mill-proceduri ta’ revizjoni tant li l-Qorti ta’ l-Appell jekk meta tissejjah il-kawza jinstab li ma tkunx saret tali garanzija kif provvdut fl-Art 249 tal-Kap 12 kellha minnufih tghaddi biex tiddikjara l-appell dezert*” (“**<u>Brian Zammit et –vs- Tivoli Caterers Company Limited</u>**”, Appell, 28 ta’ Gunju 2001).

Il-provviso pero ghall-Artikolu 209 (1) tal-Kap 12 isalva l-qaghda u ma jgibx is-sanzjoni procedurali tad-dezerzjoni

invokata mir-ritrattata. Dan ghaliex dak il-provviso jipprovdi illi l-Qorti tista' taghti lill-appellanti (ritrattandi) zmien qasir li fih huwa jkun jista' jgib il-garanzija ghall-ispejjez fil-kaz li r-Registratur ma jkunx

(a) stabilixxa s-somma li ghandha tithallas bhala garanzija;
(b) innotifika lill-appellant b'dan filwaqt li jgharrfu b'dak l-avviz x'jista' jigrilu fil-kaz ta' nuqqas minn naha tieghu, u dan mill-anqas ghaxart ijiem qabel is-smiegh tal-kawza.

Ezami anke superficjali tal-atti ghandu jibbasta ghall-konvinciment illi f'dan il-kaz ir-Registratur la stabilixxa l-ammont tal-kawtela u wisq anqas innotifika lis-socjeta' ritrattandi b'dan u fiz-zmien prefiss mil-ligi. Ghalhekk din is-socjeta' ma setghetx tkun f'qaghda li tipprezenta l-garanzija sal-mument mil-ligi prefiss (Art 249 (1) tal-Kap 12).

Huwa logiku minn dak appena dezunt illi r-ritrattandi ma setghetx kienet f'qaghda li tissodisfa l-kundizzjoni dettata mil-ligi. Dan igib bhala konsegwenza illi meta l-Qorti giet biex tittratta u tiddeciedi l-kawza ta' ritrattazzjoni sabet bhala stat ta' fatt illi ma kenitx ingiebet garanzija ghall-ispejjez skond kif tirrikjedi l-ligi.

Gja fl-imghoddi fejn il-garanzija ma kenitx titqies wahda tajba u valida l-Qrati kienu jaghtu terminu moderat biex tingieb garanzija tajba. Bl-emendi ghall-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili dan illum sar necessarju wkoll fis-sitwazzjoni prevvista minn dan il-Kodici kif manifest fil-provviso precitat ghall-Art 209. Ghalhekk jinhass necessarju illi l-Qorti tapplika dan il-provviso u b'hekk tevita s-sanzjoni procedurali tad-dezerzjoni li mhiex konsentita f'dan il-kaz.

Kif ravvizat fis-sentenza "**<u>Catherine D'Amato –vs- Joseph D'Amato</u>**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998:-

"*Bhal kull regola procedurali ohra, id-disposizzjonijiet fir-rigward ta' dezerzjoni jehtieg li jigu osservati rigorozament u hu biss eccezzjonalment illi dawn il-provvedimenti, fejn*

*jimportaw sanzjonijiet m'ghandhomx igibu applikazzjoni meta jkun jirrizulta car illi dawn kienu sejrin jikkozzaw mal-principju generali li jirregolaw is-smiegh xieraq u gust*". Il-kaz de quo hu eccezzjoni ta' din ix-xorta.

Ghal dawn il-motivi l-eccezzjoni tad-dezerzjoni qed tigi rigettata b'dan illi l-Qorti qed taghti lis-socjeta' ritrattandi zmien hmistax il-jum minn meta tigi hekk notifikata b'avviz mir-Registratur biex tiddepozita s-somma li ghandha tithallas bhala kawtela jew tipprovdi, dejjem permezz ta' depozitu, garanzija bankarja ghall-istess somma stabbilita. Ir-Registratur ghandu jibghat l-avviz fi zmien gimgha mil-lum.

L-ispejjez ta' dan l-incident ikun a karigu tar-ritrattata eccipjenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------